# 5. It-Tallab

Għalik
ja Malta ommi
għamiltha ta' tallab
mat-toroq tal-Ewropa
u d-dinja kollha.

Ħabbatt bieb bieb…
Kien hemm min lili fetaħ
u tema' u seqa u bagħat l-għajnuna
lilek ukoll…
Kien hemm min qalli "Alla jgħinek…"
Kien hemm min lili kiser
u qabad f'wiċċi l-bieb ħabbat u sabbat.

Wara l-bibien,
fit-tul tat-toroq twal,
batejt
il-għeja
il-qtigħ ta' qalb,
batejt fuq kollox il-mistħija;
iżda ġarrabt ukoll
il-ferħ u l-għaxqa
li kull tallab iħoss
x'ħin jasal wisq għajjien bil-ħorġa f'idu
bil-ħobż għand ommu mġewħa.